MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 267/2012

**A B**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku, u C D**

**f'isimha personali u in rapprezentanza ta' binha**

**minorenni E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur li permezz tieghu talab li l-Qorti (1) tiddikjara illi huwa l-missier naturali tal-minuri E D, (2) tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-minuri billi jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jitnizzlu isem l-attur u l-konnotati tieghu bhala l-missier, u (3) tiffissa granet li fihom l-attur jezercita access ghall-minuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata u l-kontro talba tal-konvenuta C D.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta.

Rat l-atti kollha;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Mill-provi imressqa jirrizulta s-segwenti:

1. Fil-15 ta' Dicembru 2010 il-konvenuta C D weldet lill-minuri E. It-twelid gie registrat fir-Registru Pubbliku u fl-att tat-twelid gie registrat li l-missier ma kienx maghruf.

2. Bejn Jannar u Marzu 2010 l-attur B u l-konvenuta D kienu f'relazzjoni intima. F'Marzu 2010 il-konvenuta informat lill-attur li kienet harget tqila. Meta l-konvenuta kellha circa sitt xhur tqala ir-relazzjoni ta' bejniethom hzienet. Sal-ahhar ta' Settembru 2010 il-konvenuta qatghet kull kuntratt mal-attur. Fil-15 ta' Dicembru 2010 il-konvenuta weldet tarbija izda ma nformatx lill-attur. Huwa sar jaf mill-facebook page taghha. L-attur beda jara lit-tarbija fid-dar tal-konvenuta izda skond l-attur hija ma kenitx thallih jara lit-tarbija aktar minn darbtejn fil-gimgha. L-attur accetta li t-tarbija tigi registrata bhala b'missier mhux maghruf sabiex il-konvenuta tkun tista' tapplika ghall-beneficcji ta' 'single mother'.

3. Fis-17 ta' Awissu 2012 l-attur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-kovenuta ai termini tal-artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-16 ta' Ottubru 2012 il-konvenuta ipprezentat ittra ufficjali kontra l-attur b'risposta fejn ma giex indikat jekk hux qed taccetta li l-attur jigi registrat bhala missier it-tarbija. L-attur ghalhekk intavola l-kawza odjerna fid-9 ta' Novembru 2012.

4. B'digriet tat-13 ta' Gunju 2013 il-Qorti innominat lill-haddiema socjali Therese B sabiex tiffacilita l-access tal-attur versul-minuri li min-naha taghha pprezentat rappport fit-30 ta' Settembru 2013 fejn gie kkonfermat li l-access bejn il-missieru l-minuri kien qed isir regolari u kien sejjer tajjeb hafna. Gew rakkomandati l-granet u l-hinijiet li l-access ghandu jibqa' jigi ezercitat.

5. Fil-15 ta' Gunju 2014 gie prezentat rapport tad-DNA u affidavit da parti ta' Dr Marisa Cassar fejn gie certifikat li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri.

6. Fil-15 ta' Lulju 2014 il-partijiet ipprezentaw flimkien ghall-approvazzjoni tal-Qorti abbozz ta' kuntratt dwar dak kollu li jikkoncerna l-minuri liema abbozz qed jigi approvat permezz ta' digriet moghti kontestwalment.

Ikkunsidrat;

Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 jipprovdi illi:

*It-tifel imnissel u mwieled barra miz-zwieg jista' jigi maghruf mill-missier u mill-omm, sew mit-tnejn flimkien kemm ukoll separatament;*

*Izda meta l-persuna li taghraf ruhha bhala missier it-tifel hija minuri, it-taghrif li taghmel din il-persuna huwa null:*

*Izda wkoll it-taghrif ta' tifel imwieled barra miz-zwieg minn persuna li tghid li tkun missier it-tifel li jsir separatament mill-omm, ma jkollu ebda effett u ma jigix registrat kemm-il darba omm dak it-tifel, jew il-werrieta taghha jekk hija tkun mejta, u t-tifel innifsu jekk ikun lahaq l-*

*eta, ma jkunx gew notifikati b'ittra ufficjali minn persuna li jkollha interess li fiha jkun hemm dikjarat li dik il-persuna tkun bi hsiebha tapplika ghar-registrazzjoni ta' dak ittaghrif u l-omm, jew il-werrieta taghha skont il-kaz u t-tifel ma jkunux fi zmien xahrejn minn dik in-notifika permezz ta' nota prezentata fl-atti ta' dik l-ittra ufficjali u n-nota li turi l-qbil ghandhom jigu notifikati lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jghaddi biex jirregistra l-imsemmi taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi:*

*Izda meta l-omm jew it-tifel li jkollu l-eta ma jkunux kif hawn qabel imsemmi jaqblu ma' dik ir-registrazzjoni jew jibqghu ma jwegbux fiz-zmien ta' xaghrejn fuq imsemmi, kull min ikollu interess jista jmexxi b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti kontra l-persuna jew il-persuni li ma jkunux hekk qablu, biex il-Qorti tiddikjara li min jaghmel it-taghrif ikun missier it-tifel u tordna r-registrazzjoni ta' dak it-taghrif fl-atti tal-istat civili relattivi."*

Mill-atti jirrizulta li r-rekwiziti rikjesti bl-artikolu 86 fuq citat huma sodisfatti.

Ir-rapport tad-DNA ipprezentat u mahluf minn Dr Marisa Attard ma jhalli l-ebda dubju li l-attur huwa missier il-minuri.

**Decide.**

Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza u tiddisponi mit-talbiet attrici u dawk rikonvenzjonali kif ukoll mir-risposti guramentati tal-konvenuti billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E-Ray D.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri billi jigu kancellati l-kliem 'missier mhux maghruf' u minflok jitnizzlu isem u l-konnotati tal-attur. Taghti lill-attur ghaxart ijiem millum sabiex b'nota f'dawn l-atti notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jindika l-konnotati kollha tieghu kif mitluba fit-tieni paragrafu tar-risposta guramentata tad-Direttur konvenut.

3. Tordna li l-minuri E-Ray ghandu jkun maghruf bil-kunjom “B D”.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba attrici u tat-talbiet rikonvenzjonali in kwantu l-partijiet fthemu dwar il-kura u kustodja tal-minuri, dwar il-manteniment, dwar l-access tal-missier u dwar diversi aspetti ohra li jikkoncernaw lill-minuri dwar liema l-Qorti qed tapprova kontestwalment il-minuta ta’ kuntratt fir-rigward sabiex jigi ppubblikat.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet in vista ta’ dak miftiehem bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------